KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 64

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 64 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 23 ta' Mejju 2023, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut — 16 ta'Mejju, 2023
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Online

- Alfred Bray — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier

Skużat

- Anthony Delia — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

### 64.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

Il-kunsill irċieva notifika ta'apoloġija mingħand il-Kunsillier Anthony Delia.

### 64.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (63)

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija
Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti.
Il-Kunsillier Paul Buġeja issekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa 64 hekk kif tressqu.

### 64.3 Punti mill-Minuti

- Bye-Law – Użu ta' parkeġġ Kulleġġ Marija Reġina, Qawra
  Il-Kunsill qed jistenna li l-Bye-Law tiġi approvata wara li saru l-emendi meħtieġa.
- Pagamenti/Dħul pendenti – Leġislaturi preċidenti
  Re - €3,676.46 dovuti lill-kunsill mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni fil-leġislatura preċidenti; il-kunsill iddeċieda li l-bilanċ dovut għandu jiġi meqjus bħala dejn ħażin kaġun li ma ntbagħtux ir-rikjesti għall-ħlasijiet kif meħtieġ u għaldaqstant ma hemmx bażi legali soda biżżejjed biex jinġabru.

### 64.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

- Manutenzjoni tal-Gallerija fi Triq San Frangisk

  Il-kunsill approva r-rapport imħejji mill-uffiċċju tal-periti DTR dwar varjazzjonijiet meħtieġa ta' xogħolijiet konnessi mall-manutenzjoni tal-gallerija fi Triq San Frangisk.

- **Junior Science Club - St Paul's Bay**
  Il-Kunsill approva li jikkollabora biex fil-lokalita' jinżammu sezzjonijiet ta' xjenza għat-tfal wara l-ħinijiet ta' l-iskola bejn Ottubru 2023 u Mejju 2024. Dan diment li l-Kulleġġ Maria Reġina, San Pawl il-Baħar, jagħmel disponibbli klassi oħra waqt il-ħinijiet tal-lezzjonijiet Life Long Learning. Il-kunsill approva ukoll, li jagħmel tajjeb finanzjarjament għal ħlas ta'€16 kull siegħa għall-Animatur, darba fil-ġimgħa kif ukoll għat-€80 ħlas għal kull student. Dan diment li student/a jattendi minn ta' l-anqas 80% tas-sezzjonijiet kollha.

- **Beating Hearts Malta - AEDs**
  Il-kunsill approva r-rikjesta mressqa minn Beating Hearts Malta biex fil-lokalita' jitwaħħlu apparat AED. Siti proposti;
  Pjazza Buġibba, (wara li jsiru xogħolijiet ta'rinovar)
  Parapett ta' l-uffiċju sigurta soċjali (bieb ma bieb Knisja San Pawl il-Baħar)

- **Rikjesta għal allokazzjoni ta' spazji għal billbords**
  N.Zerafa ressaq rikjesta biex il-kunsill jalloka spazji għat-tqegħid ta'billbords ta' riklamar bil-possibilita'li dawn isiru bi sħab mall-kunsill.
  Il-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jikkometti ruħu dwar ir-rikjesta mressqa.

- **Inċident Triq Ċensu Tanti**
  L-avukat David Bonello wieġeb f'isem il-kunsill għal każ li nfetaħ kontrih dwar li allegatament persuna weġġgħet serjament kaġun li waqgħet f'tappiera privata li tħallit miftuħa fuq il-bankina nhar il-15 ta' Ottubru 2021.

- **Rikjesta Kumitat Festa, San Pawl**
  Il-Kumitat Festa, ressqu rikjesta biex lejliet il-festa, is-Sibt 29 ta' Lulju, 2023, jirriservaw il-belvedere ta' madwar it-Torri A.Wignacourt biex jagħmlu ikla.

Ir-rikjesta ma sabitx l-appoġġ tal-kunsill kollu.

**64.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma tressqet l-ebda mistoqsija mill-kunsilliera.

**64.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

*64.6.1 Quarterly Financial Report 1, Jannar – Marzu 2023*

L-accountant tal-kunsill spjegat il-Quarterly Report. Il-Viċi Sindku Carlos Zarb ressaq mozzjoni biex il-vot għall-komunita jiżdied b'għaxar t'elef Euro (€10,000) u li r-rapport jiġi approvat. Il-Kunsillier Chris Vella Petroni issekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con.

*64.6.2 Audited Account 2022*

L-accountant tal-kunsill tagħt spjegazzjoni ta' l-audited accounts u wiġbgħet mistoqsijiet tal-kunsilliera. Is-Sindku Alfred Grima ressaq għal approvazzjoni tal-kunsill ir-rapport kif tressaq, bil-Kunsillier Paul Bugeja jissekonda l-mozzjoni. Il-kunsill approva nem.con.

*64.6.2 Rapport tal-Ġezjoni tat-Traffiku*

Is-Sindku rringrazzja lil Meniġer għall-ambjent Bjorn Bonello mir-Reġjun Tramuntana u lill-istess Reġjun li ħejjew rapport dwar immaniġġjar tat-traffiku fil-lokalita'. Is-Sur Bonello tagħa spjegazzjoni tar-rapport fejn informa li dan għadu mhux konkluż.

**64.7 Ċirkulari numru SPI/SCI/04/2023 Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati**

Fuq suġġeriment tal-Pulizija tal-Komunita, is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni li ġiet issekondata mill-Kunsillier Paul Bugeja, biex il-kunsill japplika għal skema SPI/SCI/04/2023 "Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati" permezz ta' twaħħil ta' 8 CCTV's madwar il-lokalita'. Il-kunsill approva nem.con.

**64.8 Bike racks plus bike repair kit**

Il-kunsill approva nem.con il-ħruġ ta' sejħa pubblika għax-xiri u l-installazzjoni ta' Bike Rack u Bike Repair Kit biex jiġu nstallati fi Triq il-Mosta. Il-mozzjoni tressqet mill-Viċi Sindku Carlos Zarb u ġiet issekondata mis-Sindku Alfred Grima.

**64.9 Kuntratt Contracts Meniġer**

Il-kunsillier Paul Bugeja rrefera għat-tweġibha tal-Contracts Meniġer għall-mistoqsijiet tiegħu fl-aħħar laqgħa tal-kunsill, fejn il-Meniġer allega li l-uffiċċju amministrattiv għandu nuqqasijiet. Qal li l-uffiċċju huwa obligat li jżomm rekord ta' kemm l-Contracts Meniġer jattendi l-kunsill u li għandu jiġi ppreżentat pjan ta' ħidma u rendikont ta' xogħolijiet. Ippreżenta kopja ta' partijiet mill-kuntratt inkwisjoni u staqsa jekk dawk highlighted kienux qed jitwettqu.

Il-Meniġer irrisponda, li fost oħrajn hu kemm il-darba ġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur u tal-kunsill dwar nuqqasijiet kontinwi fil-latrini u baqaw ma jiġux indirizzati, fejn jidher, li hemm min fuq il-mejda tal-kunsill li mhux jieħu pjaċir dwar dan. Informa, li fil-korrispondenza tiegħu u chats fuq WhatsApp, hemm inklużi xi kunsilliera.

Il-kunsillier Paul Bugeja qal li hemm okkazjonijiet fejn il-Contracts Meniġer jibgħat ritratti li jkun bagħat il-kuntrattur stess.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Contracts Meniġer jibgħat diversi ijmels biex jiġbed l-attenzjoni fuq materji differenti kif ukoll jibgħat messaġġi fuq WhatsApp – Bulky, Knis, Soft Areas u Waste Collection. Hemm ukoll Whatsapp ma min jieħu ħsieb il-latrina tax-Xemxija. Dawn fihom hemm ukoll il-kuntratturi rispettivi. Qed jiġi suġġerit li jsir wieħed

għall-latrini wkoll. Intqal ukoll li r-rapport ta' kull xahar ma jistax ikollu ċertu dettal.

Ġie mifthiem li l-uffiċċju jirrekordja l-ħin li l-Contracts Meniger jattendi l-kunsill kif ukoll li l-Contracts Meniġer jibgħat ir-rapporti tiegħu lill-kunsilliera.

**64.10 Proposal to Install Quantum RVM at Qawra**

Filwaqt li l-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li tiġi nstallata magna RVM fi sit indikat fi Triq il-Qala, ippropona, li lis-struttura ta' aluminju tiġi eliminata.

Għanda tinġibed ukoll l-attenzjoni tal-kumpanija nkarigata, biex qabel ma tinstalla RVM fi Triq il-Qala tiżgura, li l-cable tad-dawl imdendel ta' l-RVM installata fejn Ġnien il-Millenju jiġi eliminat u tgħatwa l-ftehim milħuq mal-kunsill.

**64.11 Affarijiet Oħra**

*64.11.1 Qsim pedonali fi Triq il-Korp tal-Pijunieri - AC093/23*

B'referenza għal ilment imressaq mis-CRPD, il-kunsill approva li bejn Triq l-Għaxra ta' Frar u Triq il-Korp Tal-Pijunieri, inħawi ta'Triq San Ġlormu, jinfetaħ passaġġ, titwessa l-bankina u jsiru r-rampi għaż-żebra crossing. Li tintbgħat rikjesta lit-taqsima tat-trasport pubbliku biex bus stop eżistenti jiġi rilokat ftit metri l-barra biex titjib l-aċċessibilita.
Il-Kunsill approva ħlas ta' €1,100 + vat għat-tneħħija tal-ħamrija.

*64.11.2 Sportfest*

Il-kunsill approva li ssir l-attivita' Sportfest li se tinżamm fil-15 ta' Lulju 2023 bi spiża massima ta' €5,000. L-insurance meħtieġa għal dawn l-attivitajiet trid tiġi provduta minn MSA/MSS u mhux mill-kunsill.

*64.11.3 Movable Skatepark*

Il-Viċi Sindku Carlos Zarb informa li r-Reġjun Tramuntana offra li jgħaddi mingħajr l-ebda ħlas, *Movable Skatepark* lill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar. Ippropona, li lis-skatepark li għandu garanzija ta' 10 snin, jinbena biswiet l-Akkwarjum Nazzjonali, u li l-kunsill jagħmel baġit massimu ta' €5,000 biex issir applikazzjoni ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar u dak kollu meħtieġ biex lis-skatepark jiġi armat fil-post. Ippropona ukoll li l-Għaqda volontarja MSA, li tieħu ħsieb l-attrazzjonijiet simili f'Birżebbuġia, Żejtun u l-Imsida, tintgħażel biex tieħu ħsieb il-manutenzjoni kollu meħtieġ tal-faċilita u li tiftaħ u tgħalaqha kull jum għal prezz massimu ta' €500 fis-sena. Il-Kunsillier Daryl Connor issekonda l-mozzjoni.

Il-kunsill approva l-mozzjoni kif tressqet, inkluż li s-sit kollu jiddawwar bil-fencing u bi grada biex il-faċilita'tinfetaħ u tingħalaq kuljum. Irringrazzja lir-Reġjun Tramuntana.

*64.11.4 Tender SPB T/08/2019 - Tender for the provision of road signs and road markings*

Il-kunsill approva l-ħruġ mill-ġdid ta' sejħa pubblika.

*64.11.5* Il-kunsill approva l-ħlas tat-trasport kollu ta' l-anzjani għall-ħarġa li se jsir fit-22 ta' Ġunju 2023 fi Ġnien is-Serenita, Santa Luċia u Marsaxlokk.

*64.11.6 Triq Wied Qannotta*

Saret rikjesta biex il-kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-aħħar parti ta' Triq Wied Qannotta titranġa billi jsirilha wiċċ ġdid għas-spejjeż tas-sidien. Il-Kunsill approva nem.con ir-rikjesta mressqa diment li jinġibu l-permessi kollha neċessarji.

**64.12 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/serviżż**

Il-Kunsill approva ħlas ta' €2,047.50 + vat għal xogħol ta' landscaping ta' l-ex funtana f'Burmarrad.

**64.13 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti**

Il-Kunsillier Paul Bugeja u Viċi Sindku Carlos Zarb ipproponew u ssekondaw rispettivament li lis-skeda tal-pagamenti tiġi approvata bl-eċċezzjoni tal-pagament 509 (Bulky Collection April) €4,716.23. L-iskeda ġiet approvata nem.con kif issuġġerit.

**64.14 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-19.10 u aġġornata għal 20 ta' Ġunju 2022 fil-17.30 hrs

**Approvati fl-20 ta' Ġunju, 2023**

| | |
|---|---|
| Alfred Grima | Marico Sammut |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |